**Qorti Civili**
**(Sezzjoni tal-Familja)**

**Onor. Imhallef Robert G. Mangion, LL.D.**
**Dip.Tax (MIT), P.G.Dip. Mediation (Melit.)**

**Illum 31 ta’ Mejju 2017**

Rikors Guramentat Nru. 64 / 09RGM

Kawza fil-lista: 8

**A B**
**vs**
**C B**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat pprezentat mill-attrici li permezz tieghu ppremettiet u talbet is-segwenti:-

1. Peress li fil-wiehed u tletin (31) ta' Ottubru tas-sena elf disa mija u wiehed u tmenin (1981) gie iccelebrat z-zwieg f’Malta bejn il-kontendenti u dan skont ic-certifikat taz-zwieg;

2. Peress li miz-zwieg taghhom kellhom erbat itfal, Antonella li ghandha sitta u ghoxrin sena u hija maggorenni, Matthew li ghalaq tlieta u ghoxrin sena u huwa maggorenni, Yanica li ghandha tnejn u ghoxrin sena u hija maggorenni, u Joshua li twieled fl-erbatax ta' Awwissu tas-sena elf disa’ mija u erbgha u disghin u ghadu minorenni;

3. Peress li Yanica u Joshua ghadhom jghixu mal-partijiet fid-dar matrimonjali taghhom;

4. Peress li t-tlieta l-kbar kollha jahdmu u z-zghir Joshua ghadu minorenni u ghadu jmur l-iskola;

5. U peress li l-hajja mizzewga bejn il-kontendenti saret impossibbli minhabba sevizzi, eccessi, minacci , swat, adulterju u ingurji gravi kommessi mill-intimat kontra r-rikorrenti attrici principalment minhabba x-xehha tremenda li ghandu l-istess zewgha l-intimat u minhabba f' dan kollu z-zwieg taghhom tkissret irrevokabilment;

6. Peress li kemm ilhom mizzewgin il-partijiet, u cioe kwazi tmienja u ghoxrin sena, zewgha l-intimat qatt ma ta rendikont lil martu l-attrici dwar l-qliegh u telf tieghu (jekk inhu l-kaz) u dwar x'qed jaghmel il-flus miz-zewg hwienet tal-laham li jiggestixxi tant li qatt ma rat ebda statement tal-bank tigi fl-indirizz tad-dar matrimonjali;

7. Peress li hemm assi bizzejjed sabiex lill-attrici tigi assenjata d-dar matrimonjali li tinsab Redentur, Triq il-Langas, Naxxar filwaqt li lill-konvenut jigu assenjati z-zewg hwienet tal-laham , liema proprjeta kollha tappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti;

8. Peress li l-intimat qed jirrifjuta li jsir dan il-pjan ta' qasma ghax qed jikkontendi li l-assi kollha ghandhom jinbieghu u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet;

9. Peress li bejn il-valur tad-dar u dak taz-zewgt ihwienet ma hemmx avarija tant li l-perit li l-partijiet kienu inkarigaw sabiex jaghmel tali stima l-Perit Mario Cassar kien ivvaluta l-hwienet li jiswew daqs id-dar matrimonjali izda l-konvenut wara li saret l-istima ma qablix mal-valutazzjoni li tal-istess Perit Mario Cassar;

10. Peress li minghajr pregudizzju ghal premess, l-attrici ghandha tibqa' tghix fid-dar matrimonjali ma' wlied il-kontendenti stante li hija mhix responsabbli ghal firda.

11. U peress li l-konvenut [recte: l-attrici] talab u ottejna l-awtorizzazzjoni mehtiega sabiex tipprocedi f'dina l-istanza b'digriet ta' din il-Qorti;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex ghar-ragunijiet premessi:

1. Tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lill-attur, [recte: konvenut].

2. Taffida l-kura u kustodja tal-minuri Joshua B lill-attrici salv access favur l-attur skont l-ahjar interess tal-minuri;

3. Tiffissa retta alimentarja ghaliha u ghall-minuri Joshua B u tordna lill-konvenut ihallasha dik ir-retta hekk stabbilita, flimkien ma zidiet perjodici ghall-gholi tal-hajja;

4. Tawtorizza lill-attrici sabiex tabita fid-dar matrimoniali ad eskluzjoni tal-konvenut.

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn il-partijiet u tordna li l-istess oggetti, mobbli u immobbli formanti parti mill-komunjoni tal-akkwsiti jigu divizi bejn il-partijiet, okkorrendo b'opera ta' perit nominat sabiex jillikwida l-istess komunjoni, u billi jigi nominat nutar sabiex jircievi l-att relativ u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

6. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jikkonsenja lill-attrici fi zmien qasir u perentorju li jigi lilu prefiss minn dina l-Qorti l-oggetti kollha dotali u parafernali tal-attrici u fin-nuqqas jigi kkundannat jhallas lill-attrici l-valur taghhom kif jigi likwidat okkorendo minn perit nominandi.

7. Tapplika kontra l-imsemmi attur (recte: konvenut) l-effetti tad-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili (1984 ed.) in toto jew in parte;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut komprizi dawk tal-mandat ta' sekwestru numru 179/08 u tal-mandat ta' deskrizzjoni numru 180/08 , li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut li taqra kif gej:-

1. Illi filwaqt illi l-esponent jaqbel li hemm lok li tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejnu u bejn l-attrici, ma jaqbilx li dan huwa hekk minhabba ragunijiet imputabbli lilu kif allegat mill-istess attrici. Mart l-esponent ghandha diffikultajiet karatterjali li minn kmieni fiz-zwieg ikkrejaw dizgwid serju bejn il-partijiet.

2. Illi, riferibbilment ghat-tieni talba attrici, l-esponent jirrimetti ruhu ghal kull provvediment li jista' jinghata fl-ahjar interess ta' ibnu minuri Joshua.

3. Illi, riferibbilment ghat-tielet talba attrici, filwaqt illi l-esponent jaqbel li ghandu jikkontribwixxi ghall-manteniment ta' ibnu Joshua, ma jaqbilx li l-attrici

mhix f'posizzjoni li tmantni lilha nnifisha u tikkontribwixxi hija wkoll ghall-bzonnijiet tal-familja.

4. Illi l-esponent ma jaqbilx li kif mitlub skont ir-raba' talba attrici jezistu ragunijiet validi li jiggustifikaw li l-attrici tigi awtorizzata tghix fid-dar taz-zwieg bl-eskluzjoni tieghu.

5. Illi l-esponent jaqbel li ghandha tigi xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti bejn il-partijiet, b'dan pero' illi tigi assenjata lil kull parti dik il-porzjon mill-istess komunjoni li tkun tisthoqqilha skont il-ligi u skont ir-risultanzi.

6. Illi, riferibbilment ghas-sitt talba attrici, l-esponent jghid li mhemmx beni dotali jew parafernali x'jigu konsenjati lill-attrici.

7. Illi ma hemm l-ebda raguni valida fil-ligi biex jigu applikati d-disposizzjonijiet ta' l-artikoli 48, 50 u 51 tal-Kodici Civili fil-konfront ta' l-esponent, kif mitlub skont is-seba' talba attrici.

Rat in-nota guramentata tal-attrici pprezentata fit-3 ta’ Marzu 2009;

Rat l-affidavit tal-attrici u ta’ ommha Georgina Xerri annessi ma’ nota pprezentata fil-25 ta’ Marzu 2009;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tal-15 ta’ Ottubru 2009 fejn ‘inter alia’ giet nominata l-Avukat Dottor Fransina Abela bhala Assistent Gudizzjarju;

Rat ir-rapport tal-Perit David Pace mahluf fil-15 ta’ Ottubru 2009;

Rat l-affidavit ulterjuri tal-attrici pprezentat fis-seduta tal-4 ta’ Novembru 2011 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, kif ukoll dak minnha pprezentat fis-seduta tat-28 ta’ Gunju 2013;

Rat x-xhieda tal-konvenut li xehed fis-seduta tal-4 ta’ Gunju 2012 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat l-affidavit tal-konvenut u n-nota guramentata tieghu ipprezentati fis-seduta tal-10 ta’ Gunju 2015 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju;

Rat d-digriet tal-25 ta’ Jannar 2016 fejn il-Qorti nnominat lil-Avukat Dottor Barbara O’Brian bhala Assistent Gudizzjarju, biex tkompli tigbor il-provi tal-partijiet;

Rat n-nota tal-osservazzjonijiet tal-attrici pprezentata fis-7 ta' Dicembru 2016, u dik tal-konvenut ipprezentata fis-7 ta' Frar 2017;

Rat ir-replika tal-attrici pprezentata fis-27 ta' Frar 2017;

Rat il-verbal registrat fis-seduta tas-7 ta' Frar 2017 meta l-kawza giet differita ghallum ghas-sentenza.

Rat l-atti kollha.

Ikkunsidrat.

IL-PROVI.

**L-attrici A B**, fl-affidavit taghha Fol 20 et seq ikkonfermat li zzewget lil-konvenut fil-31 ta' Ottubru 1981 u kellhom erbat itfal, Antonella li ghandha 27 sena, Matthew li ghandu 24 sena, Yanica li ghandha 23 sena u Joshua li twieled fl-14 ta' Awwissu 1994. Hi tghid li mill-honeymoon bdew il-kwistjonijiet. Kienu jghixu fi flat li kienu krew minghand il-genituri tar-ragel u jumejn wara li zzewgu missieru u huh dahlu fuqhom ghall-gharrieda b'hafna ghajjat u storbju u qalu lir-ragel biex jqum u jmur ghax-xoghol.

Ir-ragel u hutu kollha kienu taw kopja tac-cwievet tad-dar taghhom lill-genituri, hi ma kinitx taqbel u riedet tbiddel is-serratura izda zewgha ma riedtx. Hi tghid li zewgha, kif ukoll hutu kollha kienu jibzaw minn missierhom li kien jerfa' idejh fuqhom meta kienu ghadhom tfal. Tnejn minn hutu l-bniet kienu joqghodu fl-istess appartamenti u meta kien ikollhom xi jghidu xi hadd minn hutu kien jindahal bejniethom, kienu jitlewmu maghha u hi dejjem kienet tiehu t-tort. Hutu kienu jindahlu hafna fil-kwistjonijet ta' bejniethom.

F'Jannar 1982, ftit xhur wara li zzewgu hadu il-hanut tal-laham li kien bieb ma' bieb mar-residenza ta' ommu. Huma ghandhom zewg hwienet tal-laham, izda il-konvenut qabad u ghalaq wiehed minnhom minghajr ma qalilha. Il-hwienet huma 'B Butcher' Bakery Street, Naxxar u 'B Corner Butcher' St Lucy Street, Naxxar. Dan tal-ahhar hu l-hanut li ghadu jintuza fil-prezent u zewgha fetah bieb iehor minnu jaghti ghal Bakery Street. Hi kienet tghin lir-ragel billi kienet tahsel il-hanut, ghalkemm fl-ahhar tlett snin kienet tmur biss kull nhar ta' Sibt. Meta bdew bis-separazzjoni ma baqghetx tmur il-hanut ghalkemm xorta wahda kompliet tghinu tippakkja ix-xoghol tal-hwienet u iz-zalzett. Ir-ragel kien ikollu hafna ordnijiet mill-hwienet, kien jaghmel 50 kilo zalzett darba iva u darba le u dan ix-xoghol kien isir fil-garage tad-dar. Hu kien imur iqassam ix-xoghol lil tal-hwienet filghodu qabel jiftah il-hanut. Kienu jdumu jahdmu dan ix-xoghol sas-saghtejn ta'

filghodu.  Hi kienet tqatta' l-bacon, tnehhielu l-ghadam, tahsillu il-kontenituri tal-plastic li fihom kienet tistiva x-xoghol. Anke meta kienet tqila kienet taghmel dan ix-xoghol.

L-argumenti ta' bejniethom bdew jizdiedu skont l-attrici minhabba l-indhil ta' ommu u ta' hutu.  Anke jekk riedu jixtru xi oggett il-kelma taghha ma kinitx tiswa, dejjem kien jsir kif jghidu huma.

Id-dar matrimonjali bnewha matul iz-zwieg u hi kienet tmur tghin lir-ragel jqattghu it-trinek bl-idejn. Anke fuq il-posizzjoni tas-switches kien jindahal missieru, pero's-switches spiccaw ghamluhom fejn riedu huma. Kienet tghin lir-ragel billi kienet tgharbel u taghgen ir-ramel u dan anke meta kienet tqila u r-ragel kien jaghmel x-xoghol ta' tikhil fil-post. Dan ix-xoghol kien isir kull nhar ta' Hadd u matul l-gimgha wara li tkun lestiet mix-xoghol tal-hanut. Damu jahdmu fil-post b'dan il-mod xi erba' jew hames snin sakemm tlesta.

Kull darba li kienu jillitigaw il-konvenut kien jmur jghid lil ommu, kien jmur id-dar jiehu hwejgu u jmur jorqod ghand ommu. Daqqa jaghmel tlett ijiem, daqqa jaghmel gimgha u wara jerga' jmur lura d-dar.

Flus ghall-hajja kien jaghtiha LM12 fil-gimgha, kienet titolbu aktar imqarr biex tixtri par tights izda ma kienx jaghtiha.  Kienet tixtri d-drap damaged minn fuq il-monti b'xi 50cents jew LM1.50 u taghmel zewg ilbiesi minnhom.  Lit-tfal kienet thitilhom kollox hi bhal uniformijiet, purtieri u lozor.  Il-konvenut lit-tfal kien jghajjarhom 'bhejjem' u quddiemhom kien jghidilha "orbot il-bhejjem fil-bitha mal-holoq". Kien jghajjarhom ghax ghajr ghal wahda ma kienux tajbin ghall-iskola mentri t-tfal ta' hutu rnexxew fl-iskola.

Kien ikollhom il-glied ghax ma kienx ihalliha tmur ghand ommha, kienet tmur darba fil-gimgha biss izda hu ma kienx jmur maghha u hi kienet tiehu lit-tfal maghha. L-attrici ddikjarat li kull nhar ta' Erbgha jiltaqghu ghand ommha hi u t-tfal u l-gharajjes taghhom u hutha kollha. Ir-ragel qatt ma kien jhalliha jgib lil nisha d-dar, tghid li kienet dejjem qisha go habs.

Kull nhar ta' Gimgha kienet tmur bit-tfal ma' ohtha fi kappella Hal-Qormi u hu kien jghajjarha "qahba sejra tiggera". Hu u ommu kienu marru jistaqsu lis-sagristan dwarha u dan kien ikkonfermalhom li hi kienet tkun hemm.  L-attrici tghid li wara li kellhom l-ewwel tifla kellhom tilwiema u ndahlu ohtu u r-ragel taghha, spiccat msawta minn ohtu u zewgha baqa' jhares. Ir-ragel ta' ohtu imbuttaha tlett targiet tal-flat u r-ragel gabar hwejgu, mar ghand ommu u ghamel sena u ghaxar xhur ghandha. It-tifla kien ghad ghandha ftit xhur. L-ghada ltaqghet ma' hutu il-bniet f'Tas-Sliema li tawha xebgha kbira. L-attrici tghid 'biccruni u damdmuni'.

Billi ma baqghax jaghtiha flus marret ghand l-avukat u wara li kitiblu beda jibghatilha l-flus. Regghu rrangaw wara hafna xhur u marru joqghodu fi flat fl-Msida bla kera billi kien tal-familja taghha. Kellhom it-tieni tarbija, it-tifel Matthew, talbitu jaghtiha aktar flus ghax ma kienux qed jiservuha. Il-halib tal-baby kienet tixtrih ommu u hu kien jgib il-halib id-dar, pero' skont l-attrici b'hafna tnikkir billi gieli kienet tispicca bla halib.  Sakemm kellha t-tielet tarbija baqa' jaghtiha LM12 fil-gimgha. Hi kienet baqghet tmur tghinu fil-hanut, kienet tmur bit-tfal u kienet tghinu ukoll biex jaghmlu 50 kilo zalzet darba kull jumejn, li kien jigi ppakkjat fil-jablo u li r-ragel kien jqassam fil-hwienet f'Birkirkara, Msida u San Gwann.

L-attrici kellha l-ahhar zewgt itfal kwazi fuq xulxin u sahhitha bdiet sejra lura. Jekk kellha bzonn tabib jew dentist kien jghidilha biex tmur l-Isptar jew il-clinic. Dahlu fil-post wara li kellhom it-tielet tarbija Janica u beda jaghtiha LM15 fil-gimgha pero' dejjem kien jgerger li ma kellux flus.

Il-hrug kien rari u qatt ma kien jixtrilhom xejn. Meta kienet tqila bit-tielet tarbija, r-ragel xtara caravan ghal LM350 u ghamlu sajf wiehed biss jmorru fiha ghax il-familjari tieghu bdew jghidulu li jisirquhom jekk ma jkunux fid-dar.  Fil-fatt veru serquhom u ma marrux aktar bil-caravan.  Kienu qalbulhom id-dar ta' taht fuq u serqulhon id-deheb kollu. Insistiet mieghu biex jaghmel alarm jew isibu dar ohra izda hu ma riedtx.

L-attrici telqet mid-dar bit-tfal u marret fil-post li kellhom il-genituri taghha u bdiet il-proceduri ta' separazzjoni.  Ghamlu hames snin separati.  Ried imur holiday l-Amerka u talabha tirtira l-mandat ta' impediment tas-safar u regghu rrikonciljaw.  Kellha tirrikorri ghall-Qorti dwar il-manteniment u beda jaghtiha LM22 fix-xahar manteniment ghat-tlett itfal. Wara li rrangaw harget tqila biz-zghir. Hi hasbet li l-affarjiet kienu ser jinbidlu, pero' marru ghall-aghar ghax beda jinfexx isawwat lit-tfal. Kemm hi kif ukoll it-tfal kellhom jaghmlu dak li jghid hu inkella kien issawwat lit-tfal.  L-attrici tghid li rritornat ghall-hajja ta' xoghol biss.

Lit-tfal ma kienx ihallihom johorgu, lanqas fid-drive in.  Hi kitbithom fl-scouts u kienu iggieldu fuq din il-kwistjoni.  Is-swat fuq it-tfal kompla jizdied, kien isawwathom biz-zarbun tal-Pulizija, li kellu hadida fuq quddiem jew bic-cinturin tal-gilda.  Kien dejjem jghajjarhom 'hmir u annimali'.

L-attrici tghid li it-tifla il-kbira Antonella biss harget tajba ghall-iskola. Hi baqghet tistudja u hallset ghal-privat u skola minn dak li kienet taqla' meta bdiet tahdem. It-tlett itfal l-ohra huma dyslexic u Matthew irrnexxhielu  bil-hila tieghu biss jiftah haunt tal-alluminium minghajr l-ghajnuna ta' missieru.

It-tifla Janica kienet tahdem id-deheb izda il-kumpanija ghalqet u illum tahdem fl-electronics u iz-zghir ghadu l-iskola.

Kellhom xi jghidu ukoll fuq il-grizma tat-tifel Joshua billi r-ragel ried bil-fors li tamilhielu ommu izda t-tifel ma riedx u baqa' ma ghamilx il-Grizma ghax r-ragel ma riedx jiffirma. Ir-ragel jonfoq flus fid-dar biex jkun bhal hutu. Jonfoq fuq il-magni tal-laham u fuq il-karozzi, ghandu Mercedes Sports u qabel kellu Mercedes akbar. Xoghol ta' manutenzjoni fid-dar ma jsirx, ilhom ma jbajdu 14 il-sena u l-bejt ilu xi 15 il-sena ma jsir xoghol fuqu.

Tghid li ghall-konvenut id-dar qisa lukanda, kemm jiekol u jorqod u meta l-attrici tghidlu xi haga jghidilha biex ma tindahalx. Hu ilu erba snin jorqod wahdu fis-salott. L-attrici tghid li illum qed jaghtiha LM55 fil-gimgha ghall-hajja u l-kontijiet ihallashom hu. Ma jhallas xejn ghall-karozza taghha. L-attrici kkonfermat li kienu ser jisseparaw bonarjament, kienu inkarigaw lill-Perit Mario Cassar biex jaghmel stima tad-dar u tal-hwienet izda hu ma qabilx li hi tiehu d-dar u hu jiehu l-hwienet. Korrispondenza ta' zewgha mal-Banek qatt ma kienet tmur id-dar, ir-ragel kien izzomm il-flus f'mazzetti fil-freezer tal-laham u meta kienet tghidlu jziedha kien jghidilha "aqbes 'l barra". Qatt ma ried jaghtiha c-cwievet tal-hwienet.

L-attrici, fl affidavit ulterjuri taghha Fol 685, ikkonfermat li hi marida u ma tistax tahdem. Ghandha pressjoni gholja hafna, u tbaghti b'ugieh kbir fis-sinsla ta' darha, hi tiehu anti inflamatories qawwin li jiswew hafna flus. Hi pprezentat kopja ta' certifikat mediku kif ukoll stimi tal-karozzi li ghandhom. L-istimi gabithom minghand Berk's Showrooms u Mosta Auto Dealer Limited. Barra it-tlett vetturi indikati fl-istimi, l-attrici ipprezentat dokumenti dwar vettura tal-marka Isuzu Crew Cab Truck numru DBB 352 u Mercedes Benz 190 numru FAP 449 li huma t-tnejn registrati fuq zewgha.

Il-konvenut biddel is-serratura taz-zewg hwienet tal-laham li nxtraw waqt iz-zwieg u lilha ma taghhiex cavetta. Hi tinsisti li zewgha ghandu hafna flus billi dejjem ghixu fl-akkarija u mill-hwienet tal-laham qala' l-flus, li kien izomm fil-freezer tal-hanut. Dan kien jghidulha hu stess. Hu qatt ma emmen bil-banek, cheque books u credit cards u hekk ghadu. Hi tghid li jmur jiekol fil-lukandi billi kien jghidilha biex ma thallilhux ikel. Kien jixtri hwejjeg ghalih u kien johodhomlha biex tahsilhom, mentri hi qatt ma setghet tixtri xejn.

Mal-affidavit l-attrici annettiet ritratti tal-hwienet tal-laham, tal-appliances, tal-konvenut rieqed bil-hwejjeg bic-cwievet tal-hwienet ghax ma kienx jafda, tal-karozza, tat-tyres tal-karozza, tat-tank tal-ilma u certifikat mediku, b'konferma li hi tbaghti minn pressjoni, insomnia, tyroid u ugieh f'dahra.

**Il-konvenut C B**, fl-affidavit tieghu, a fol 881 et seq, qabel mal-attrici li l-kwistjonijiet bdew mill-honeymoon, izda ghaliex huma qatt ma qablu fil-karattru u mhux ghax hu kien xi 'mostru tad-dar' kif kienet qed tpingih l-attrici. Dwar incident partikolari fil-bidu taz-zwieg meta kienu krew flat minghand il-genituri tieghu, l-attrici allegat li missieru u huh kienu dahlu fuqhom ghall-gharrieda, skont hu il-verita' kienet li tant ghajtu u tlewmu li dawn dahlu biex jikkalmawhom mhux biex jindahlu.

Hu oggezzjona ghal dak li qalet l-attrici dwar missieru, li pingietu bhala ' bniedem ta' power'. Il-konvenut jinsisti li dan mhux minnu, li missieru rabba familja numeruza bid-dixxiplina xierqa izda qatt ma hallihom nieqsa minn xejn. Hu kellu rispett kbir ghal missieru u ddikjara li l-attrici ' immissha tisthi titkellem dwaru kif ghamlet'. Hu cahad dak li qalet l-attrici li l-genituri tieghu kellhom c-cwievet tad-djar tat-tfal kollha. Il-konvenut jghid li meta kellu bzonn il-firma taghha ma riditx tiffirma u kellu jixtrilha Peugeot 106 li giet registrata f'isimha.

Il-konvenut jikkontesta dak li xehdet martu li telqet mid-dar ghax kienet tibza u ma setghatx toqghod mieghu. Jghid li martu kienet tibza ghax kienu serquhom u qalbulhom id-dar ta' taht fuq. Jghid li ma kien hemm l-ebda raguni ghalhiex kellhom jibqghu mifrudin ghall-hames snin u aktar kieku mhux ghax mill-bidu nett, ma kienhux jaqblu fil-karattru. Hu jghid li jhossu imwegga' b'dak li qalet fuqu dwar it-tfal. Jghid li martu fuq it-tfal qed tigdeb.

Il-konvenut jinsisti li ma ghandux zewg hwienet tal-laham, billi 'B Butcher' li jinsab fi Triq il-Fran, Naxxar ma kienx baqa' jintuza ghall-biegh tal-laham izda bhal store. Xehed illi l-bejgh tal-laham isir biss mill-hanut l-iehor 'B Corner Butcher' fi Triq Santa Lucia,(kantuniera ma Triq il-Fran) Naxxar.

Il-konvenut ikkonkluda l-affidavit tieghu billi rrileva li illum hwienet zghar bhal tieghu ma ghadhomx ibieghu bhal xi snin ilu billi illum fethu hafna ditti kbar li jipprovdu dan is-servizz.

Il-konvenut xehed ukoll fis-seduta tal-4 ta' Gunju 2012 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 712. Hu kkonferma li fil-hanut 'B Corner Butcher' hemm fridge, bank (counter) li nxtara xi sitt snin qabel bil-prezz ta'LM2,500; erba' bankijiet tal-friza zghar li nxtraw xi 7 snin qabel, 'cold room' li nxtrat LM1,600; magna li thawwad iz-zalzett li inxtrat LM400 xi 10 snin qabel; magna tal-kappuljat li nxtrat xi 9 snin qabel bil-prezz ta' LM450; slicer tal-friza li nxtrat xi 9 snin qabel bil-prezz ta' LM 180 u band-saw li nxtrat xi 8 snin qabel bil-prezz ta'xi LM100. Xtara ukoll magna spare slicer second hand xi 8 snin qabel bil-prezz ta' Euro 250. Ghandu 6 skiken li jiswew xi Euro 6 kull wahda. Fil-hanut B Butcher, illum uzat bhala store hemm zewg bankijiet qodma u zewg slicers u Kenwood kollha antiki.

Xehed illi l-bejgh tal-laham isir biss mill-hanut 'B Corner Butcher' u fil-gimgha b'kollox ibiegh Euro 1,500, pero' ddikjara li x-xoghol dejjem niezel. Lill-mara jaghtiha Euro 128.12 fil-gimgha. Kemm ilu mizzewweg faddal fl-affarjiet li ghandhom, rabbew erbat itfal u investew fil-hwienet. Hu jghid li ftit flus kien jahbi fil-freezer. Bil-flus li faddal xtara u rranga il-hanut u ssellef LM7,000 mill-Bank.

Fl-istess seduta l-attrici pprezentat hames (5) pitazzi markati Dok CM1 sa CM5 u muri l-ewwel pagna tad-Dok CM1 il-konvenut kkonferma li biegh LM570 prodotti tal-laham.

**Georgina Xerri,** omm l-attrici, fl-affidavit taghha mahluf fil-25 ta' Marzu 2009, Fol. 28 ikkonfermat li bintha gieli kienet tghidilha bl-inkwiet li kellha d-dar minhabba l-indhil tal-familja tieghu u li zewgha kien bniedem interessat u ma kienx jaghtiha flus. Hi kkonfermat li ma kinitx l-ewwel darba li wara li jkollhom xi argument il-konvenut kien jmur ghand ommu anke meta l-attrici kienet ghadha qed trabbi t-tfal zghar. Ix-xhud ikkonfermat li kienet offrietilhom post bla kera biex ma joghoqodux aktar hdejn niesu.

Hi tghid li uliedhom, in-neputijiet taghha kienu jghidulha li missierhom kien isawwathom u ma jaghtihomx flus. It-tifla il-kbira biex tkompli tistudja kellha tmur tahdem. Hi kkonfermat li lill-attrici bintha kienet taghtiha il-flus ghat-tabib u biex tixtri l-pilloli, ghax kienet tghidilha li ma kellhiex flus; anke biex fethet il-kawza taghtha xi flus. Hi kkonfermat li lill-bintha tghinha kif tista'.

**John Cefai,** fl-affidavit tieghu mahluf fid-19 ta' Mejju 2010, Fol 281, ikkonferma li lill-konvenut jafu bil-hanut tal-laham in-Naxxar u sa sena qabel kien ibieghlu zewg majjali fil-gimgha u dan ghal xi seba snin. Il-konvenut dejjem hallsu cash.
Il-prezz tal-majjal mill-biccerija hu ta' 78cents Maltin kull kilo, dan il-prezz ilu hekk ghal hames snin. Hu kien jbiegh lill-konvenut b'dak il-prezz, pero' minn sena qabel ma baqghax jixtri minn ghandu.

**Il-Perit David Pace,** fir-rapport tieghu mahluf fil-15 ta' Ottubru 2009, Fol 39 et seq. ivvaluta l-propjetajiet immobbli tal-komunjoni kif gej:

1. Il-fond 'Redentur' Triq il-Langas, Naxxar Euro 244,600.
2. Il-hanut tal-laham gewwa Triq il-Fran, Naxxar Euro 77,700.
3. Il-hanut tal-laham gewwa Triq Santa Lucia kantuniera ma Triq il-Fran, Naxxar Euro 145,000.

Bhala pjan ta' divizjoni l-Perit ippropona li billi l-valur taz-zewg hwienet hu ta' Euro 222,700 u l-valur tad-dar hu ta' Euro 244,600, differenza ta' Euro 21,900 il-parti li tigi assenjata d-dar thallas lill-parti l-ohra l-ammont ta' Euro 10,950.

Il-Perit iddikjara li fl-opinjoni tieghu l-fondi ma humiex komodament divizibbli u ghalhekk jekk id-divizzjoni ma ssirx b'assenjazzjoni it-tlett fondi jistghu jinbieghu u r-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom.

**Stephen Cachia ghall-ADT** xehed fis-seduta tas-7 ta' dicembru 2009, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 53. Hu kkonferma li f-isem l-attrici kien hemm registrata l-vettura Peugeot 106 numru MXC 380 u fuq isem il-konvenut kienu registrati ll-vetturi Isuzu Truck numru DBB 352, F Mercedes Benz numru FAP 449, u Volkswagen Golf numru EAO 632 li kienet registrata fuq ismu mis-27 ta' Novembru 2003 sat-28 ta' Ottubru 2004. Din il-vettura, mid-9 ta' Ottubru 2007, Fol 64 kienet registrata f'isem Arthur Gauci.

**WPS 61 Maria Cuschieri, mill-Ghassa tan-Naxxar,** xehdet fis-seduta tat-3 ta' Frar 2010 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 83. Hi kkonfermat li fil-25 ta' Novembru 2008 ghall-habta tal-11.00 pm sar rapport min A B kontra C B. Ittiehdu passi bil-Qorti pero' ix-xhud ma kinitx taf x'kien l-ezitu ta' dawn il-proceduri. Fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2010 x-xhud ipprezentat r-rapport dwar dan l-incident market Dok MC1, Fol 102 u pprezentat ukoll 16 ir-rapport li l-attrici ghamlet kontra l-konvenut li gew markati Dok MC2 sa Dok MC17, Fol 106 sa FOl 140.

Dok MC17, Fol 139 hu rapport li l-attrici ghamlet kontra zewgha fl-1 ta' Marzu 2006 billi minflokk LM55 kif kienu miftehemin ghadilha biss LM45, u ma kienx qed ihallas l-isspejjes tal-vettura taghha.

Dok MC16, Fol 137 hu rapport li ghamlet l-attrici kontra il-konvenut fil-15 ta' Frar 2006 li allegatament gheddidha li jaghmel biccerija hemm u jaghmilhom'pieces'.

Dok MC15, Fol 135, hu rapport li l-attrici ghamlet kontra l-konvenut fit-12 ta'Frar 2006 billi allegat li qalghet xeba mill-konvenut wara li kellhom argument billi ma sabx xugamani hoxnin meta mar jinhasel izda irqaq.L-attrici pproduciet certifikat mediku li kellha feriti hfief.

Dok MC14, Fol 133 hu rapport tal-attrici kontra l-konvenut li sar fit-2 ta'Jannar 2006, billi waqt li kienu qed jieklu fis-6.30 pm hu hareg xi karti tas-separazzjoni u nqala' argument bejniethom.

Dok MC13, Fol 131 hu rapport li l-attrici ghamlet kontra l-konvenut fil-21 ta' Dicembru 2004, billi waqt l-ikel nqala' argument u l-konvenut tefa' platt soppa shuna fid-direzzjoni tal-attrici u kkagjonalha feriti hfief kif iccertifikat t-Tabiba Dottor Mary Vella mill-Mosta Health Clinic.

Dok MC12, Fol 129 hu rapport li ghamlet l-attrici kontra il-konvenut fis-7 ta' Lulju 2004 billi kellhom argument ghax ma kienx qed ihallsilha d-diesel tal-karozza taghha u quddiem huh u z-zewg uliedhom s-subien ghedidha bil-kliem "Inqattak pieces u nordmok hawn, b'din irid nispiccak".

Dok MC11 Fol 127 hu rapport li ghamlet l-attrici fid-29 ta' April 2004 li xi nies mhux maghrufa bejn it-3.00 am u s-6.00 am babsu l-lock tal-garage li jigi adjacenti d-dar taghha.

Dok MC10 Fol 125 hu rapport li l-attrici ghamlet kontra zewgha fit-23 ta' Gunju 2001 billi dan waqt li kellhom argument gheddidha bil-kliem " Nalalek fwiedek" u " Gismek intertaqulek".

Dok MC9 Fol 123 hu rapport li l-attrici ghamlet kontra il-konvenut fis-6 ta' Marzu 2001 billi nqala' argument bejniethom billi hi talbitu xi flus ghad-diesel u hu beda jghajjat u jitkellem hazin. Hu kien hadilha sikkina li kienet qed tuza biex juzha hu u meta rritornha minn naha tal-ponta, hu gibed idu lura u l-attrici kellha ferita ta' natura hafifa fit-tieni seba tal-id ix-xellugija kif iccertifika Dr. R Scerri mill-Mosta Health Centre.

Dok MC8 Fol 120 hu rapport li ghamlet l-attrici kontra l-konvenut fl-1 ta' Awissu 2000 billi t-tifel Matthew ta' 15 il-sena irrifjuta li jizboh gradenza kif ordnalu missieru l-konvenut, li tah xeba u kkagjonalu feriti ta' natura hafifa kif iccertifika t-tabib Dottor Aaron Formosa.

Dok MC7 Fol 118 hu rapport li l-attrici ghamlet kontra l-konvenut fit-18 ta' Gunju 2000 billi waqt li kellha argument ma' zewgha dan imbotta l-mejda ghal fuqha izda ma laqathiex.

Dok MC6 Fol 116 hu rapport li l-attrici ghamlet kontra l-konvenut fl-4 ta' Settembru 1998 billi kellha argument ma' zewgha li kien qed isawwat lit-tifel u meta ippruvat tintervjeni beda jsawwat lilha.

Dok MC5 Fol 113 hu rapport li l-attrici ghamlet kontra zewgha fl-4 ta' Jannar 2008 dwar insulti u minacci. Allegatament l-attrici giet insultata mill-konvenut u minn ommu wara li nqala' xi argument bejniethom.

Dok MC4 Fol 111 hu rapport li l-attrici ghamlet fis-17 ta’ Mejju 2008 meta kellha argument ma’ zewgha ghax kienet ser tiehu zewg pakketti ravjul mill-freezer u r-ragel hebb ghaliha tefahha ‘l barra mill-hanut u kkagjonalha feriti ta’ natura hafifa kif iccertifika t-Tabib Dottor Ray Borg tal-Mosta Health Centre.

Dok MC3 Fol 108 hu rapport li l-attrici ghamlet fis-17 ta’ Gunju 2008 billi zewgha kien gheddidha bil-kliem “ Xi darba ghad nigi b’sikkina”. L-argument kien nqala’ ghax rcevew kont tad-dawl u l-ilma li kien gholi u l-konvenut ippretenda li t-tifel Matthew ihallas nofsu. L-incident sar fil-presenza tat-tfal l-ohra Antonella, Yanica u Joshua li kkonfermaw li kien hemm argument bejn il-gerituri fuq il-kont tad-dawl u l-ilma.

Dok MC2 Fol 106 hu rapport li ghamlet l-attrici fil-15 ta’ Ottubru 2008. L-attrici talbet xi flus minn ghand il-konvenut billi kellha bzonn tmur ghand id-dentist u dan infexx jghajjarha u joffendiha.

Dok MC1 Fol 102 hu rapport li l-attrici ghamlet fil-25 ta’ Novembru 2008 kontra zewgha li allegatament baqa’ diehel fid-drive in bil-van tieghu ghal fuq il-vettura taghha.

**Joseph Borg Cardona, ghall-BOV plc** xehed fis-seduta tal-24 ta’ Marzu 2010, Fol 94. li mir-ricerki rrizulta li kien hemm tmien kontijiet u pprezenta d-dokumenti relattivi li gew markati Dok JBC1 sa Dok JBC8, Fol 155 sa Fol 263.
Dok JBC1 jirreferi ghall-kont numru 16302510017 f’isem C B. Il-bilanc fit-30 ta’ Gumju 1995,Fol 222, kien ta’ LM345.64 u fil-31 ta’ Dicembru 2008, Fol 262, il-bilanc kien ta’ Euro 25.62.

Dok JBC2 jirreferi ghall-kont f’isem C B numru 16302510059 li fil-31 ta’ Dicembru 1996 kellu bilanc ta’ LM14.50 u fl-24 ta’ Dicembru 2008, Fol 221 kellu bilanc ta’ Euro 98.42.

Dok JBC3 jirreferi ghall-kont f’isem Margerita B A/C Matthew numru 40010933787 li fit-13 ta’ Ottubru 2001 kellu bilanc ta’ LM 5.00 Fol 189 u fit-23 ta’ Novembru 2009,Fol 207 kellu bilanc ta’ Euro 1,737.77.

Dok JBC4 jirreferi ghall-kont f’isem Margerita B A/C Yanica numru 16311252010 li fil-31 ta’ Dicembru 1997 kellu bilanc ta’ LM 80.43 Fol 177, u fil-15 ta’ Frar 2007,Fol 188 il-bilanc kien 0.00.

Dok JBC5 jirreferi ghall-kont f’isem Margerita B A/C Joshua numru 16311252023 li fil-31 ta’ Dicembru 1998, Fol 166, kellu bilanc ta’ LM32.65 u fil-15 ta’ Frar 2007, Fol 176 il-bilanc kien 0.00.

Dok JBC6 hu kont f'isem A B A/C Matthew numru 16311252049 li fit-30 ta' Dicembru 1999 kellu bilanc ta' Euro 130.47 Fol 164 u fit-30 ta' Settembru 2000, Fol 165, kellu l-istess bilanc ta' LM130.47

Dok JBC7 hu kont f'isem A B numru 40015160335 li fit-30 ta' Mejju 2006, Fol 160 kellu bilanc ta' LM2,000, u l-kont inghalaq fit-3 ta' Gunju 2009 Fol 163, u l-bilanc kien 0.00.

Dok JBC8 hu kont f'isem C u A B numru 40011265221 Fol 155, li hu Business Loan Account. L-ammont misluf kien ta' LM7,000, Fol 155. L-ahhar pagament sar fis-17 ta' April 2006, Fol 159 hu statement tat-30 ta' Dicembru 2005 li juri bilanc ta' 0.00.

**Keith Caruana ghat-Trading Licensing Unit** xehed fl-istess seduta, Fol 83 u kkonferma li mir-ricerki li kien ghamel irrizultalu li f'isem C B kienu licenzjati zewg hwienet tal-laham wiehed 27 Triq il-Fran Naxxar u l-iehor 33, Triq Santa Lucia, Naxxar. Il-licenzji ghadhom attivi ghalkemm ghandu xi pagamenti b'lura.

**Ronald Galea, rapprezentant tal- Five EFFS Import Company Limited**, xehed fis-seduta tal-24 ta' Marzu 2010 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 95. Hu kkonferma li kien ilu jaf lill-konvenut ghal xi 30 sena, billi kien jixtri prodotti tal-friza. Hu pprezenta 10 dokumenti markati Dok RG1 sa Dok RG10 Fol 145 sa Fol 154 li juru cash sales li saru lill-konvenut.

**Charles Mangion, rapprezentant tad-Ditta SM Marketing**, xehed fl-istess seduta, Fol 96. Hu kkonferma li d-ditta taghhom tforni laham frisk u l-konvenut hu klient taghhom. Hu pprezenta tlett dokumenti ,history sheets tal-purchases tal-konvenut, markati Dok CMi sa CM3 Fol 141 sa 144.

**Mark Gauci, rapprezentant ta' Gauci Poultry**, xehed fl-istess seduta, Fol 96. Hu kkonferma li x-xoghol taghhom hu processing tat-tigieg u kkonferma li l-konvenut hu klient taghhom ghalkemm mhux regolari. Hu pprezenta sitt invoices markati Dok MG1 sa MG6 li jirreferu ghall-perjodu 11 ta' Novembru 2009 sas-17 ta' Marzu 2010 Fol 264 sa Fol 269.

**Noel Pisani ghal J & C Pisani** xehed fis-seduta tat-12 ta' Mejju 2010 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 287. Hu kkonferma li ilu jaf lil C B xi 30 sena u li l-kumpanija tieghu tfornilu frozen foods. Hu ddikjara li kellu rendikont tal-ahhar erba' snin u pprezenta Dok NP1 statement of sales mit-30 ta' Novembru 2005 sat-30 ta' Novembru 2006 u Dok NP2 statemen of sales mill-21 ta' Dicembru 2006 sal-5 ta' Mejju 2010. L-istess xhud fis-seduta tal-10 ta' Gunju 2010 ipprezenta Dok NP3 lista tal-invoices mit-2 ta' Dicembru 2003 sal-4 ta' mejju 2010 u bhala Dok NP4 kopja tal-invoices fil-pen drive.

**Simon Muscat, rapprezentant tal-Crown Cold Stores,** xehed fl-istess seduta, Fol 288. Hu kkonferma li l-konvenut ilu klient taghhom ghal diversi snin billi huma jissupplixxu il-laham fil-hwienet. Hu pprezenta Dok SM1 staemant of sales mis-16 ta’ Jannar 2006 sas-7 ta’ Mejju 2010 u Dok SM2 kopja tal-ahhar invoice. L-istess xhud fis-seduta tal-10 ta’ Gunju 2010, Fol 313, ipprezenta Dok SM3 li juri l-invoices kollha mis-16 ta’ Jannar 2006 sal-31 ta’ Mejju 2010.

**Steve Rizzo, ghall-kumpanija Double R Company Limited**, Fol 313, ikkonfrma li l-konvenut ilu klient mis-sena 2000. Huma jissuplixxu l-laham lill-hwienet kemm frozen kif ukoll chilled. Hu pprezenta document markat Dok SR1 li jindika l-ammonti li xtara il-konvenut. Dan id-dokument jinsab a Fol 318 u jindika li bejn 2000 u 2009 l-konvenut xtara it-total ta’ Euro 65,527.62.

**Joseph Sammut, Accountant u Awditur**, Fol 314 ikkonferma li l-konvenut ilu klient tieghu minn 1995. Id-denunzja ghall-fini ta’ VAT issir kull tlett xhur, erba darbiet fis-sena mentri dik tal-Income Tax issir darba fis-sena. L-invoices l-aktar antiki tan-1995 juru li f’erba’ xhur saru sales ta’ LM10,743. L-ahhar wahda bejn Novembru 2009 u Jannar 2010 juru sales ta’ Euro19,597 fi tlett xhur. L-istess xhud fis-seduta tal-25 ta’ Novembru 2010, Fol 516, ipprezenta l-VAT Returns markati Dok SJ1 sa Dok SJ45, u l-Income Tax returns markati Dok JS46 sa Dok JS60.

**Dottor John Refalo, ghal Francis Busuttil & Sons Marketing Limited**, xehed fis-seduta tal-14 ta’ Lulju 2010 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 487, u pprezenta zewg dokumenti, Dok JR1 u Dok JR2 li juru detailed sales analysis mit-2005 sat-2010 Il-klient hu B C Butcher, ta’ 8 Bakery Street, Naxxar.

**Marvin Sapiano ghal Alf Mizzi & Sons** xehed fis-seduta tal-20 ta’ Jannar 2010, mizmuma mill-Assistent Gudizzjarji, Fol 654. Hu kkonferma li huma jfornu lill-konvenut bil-laham u prodotti ohra u pprezenta dokument markat Dok MS 1 li juri t-tranazzjonijit li saru bejn Mejju 2003 u Novembru 2010.

**John Saliba ghall-Mosta Bacon**, xehed fis-seduta tad-9 ta’ Marzu 2011 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 669. Hu pprezenta ‘ customer transaction history’ markata JS1. Hu qal li s-Sur B ma kienx klient regolari ‘kien igib il-laham biex isir perzut u jixtri xi fwied’. Ikkonferma li l-konvenut kien ilu klient pero’ kemm ma kienx jafx. Hu ma kellhux ir-records qabel it-2010 billi kienu jsiru b’mod manwali u ma kellhux access ghalihom.

**Charles Sammut** xehed fis-seduta tal-20 ta’ Mejju 2013 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 813.Hu qal li jaf lill-konvenut. Hu kkonferma li ghandu garages fi Triq l-Italja , Naxxar. Hu biegh wiehed mill-garages lil Luke B, li jigi t-tifel ta’

hu C B, u l-iehor lil Alfred Briffa, pero' dan tal-ahhar ghadu fuq konvenju. Hu kkonferma li C B qatt ma kellmu fuq dan il-garage. Ma kienx jaf li C B qieghed f'kawza ta' separazzjoni u ma kienx hemm raguni li jinghata d-dritt li jbieghu lill-haddiehor. Hu esebixxa bhala Dok CS1 kuntratt tat-3 ta' Marzu 2009 pubblikat minn Nutar Dottor John Spiteri li permezz tieghu Luke B issellef mill-Bank of Valletta plc u xtara minn ghand il-genituri tieghu Raymond u Dorianne B l-garage indikat bin-numru mhux ufficjali tnejn (2) fi Triq l-Italia, Naxxar. Dok CS2 Fol 830 hu konvenju bejn Carmelo u martu Susan Sammut u Alfred u Mary konjugi Briffa tat-23 ta' Marzu 2009 dwar il-garage numru wiehed (1) fi Triq l-Italja, Naxxar. Il-kompraturi zammew d-dritt li jisostitwixxu ruhhom minn terzi persuni fuq l-att finali u jirrizulta, Fol 831 li fil-21 ta' Marzu 2014 sar pagament akkont ta'Euro 28,000 minn Alfred Briffa lil Carmelo Sammut.

Ikkunsidrat;

Sunt tan-Noti ta' Osservazzjonijiet tal-Partijiet.

L-attrici, fin-nota tal-osservazzjonijet taghha, Fol 917 et seq, tissottometti li zewgha hu hati tal-firda minnhabba r-rejba kbira li ghandu ghall-flus tant li cahhad lilha u lill-uliedha minn hafna affarjiet bazici u essenzjali, dejjem zamm kontroll shih tal-flus u dejjem ittrattha hazin u qatt ma gabilha rispett.

Hi tiddikjara li zewgha ghandu jigi kkundannat ihallasha manteniment u dwar id-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti tipproponi li lilha tigi assenjata d-dar matrimonjali, u iz-zewg hwienet lill-zewgha u biex taghamel tajjeb ghad-differenza ma tiehu xejn minn sehemha mill-valur tal-ghodda u l-avvjament.

Dwar il-vetturi tghid li huma qablu li hi ghandha izzomm il-Peugeot, u zewgha jiehu il-Mercedes u l-Isuzu, pero' tippretendi li tithallas id-differenza fil-valuri cioe' Euro3,600. Hi tippretendi li ghandha kreditu parafernali ta' Euro 2,428.23 ammont li silfet minghand ommha. Hi tippretendi ukoll li tithallas nofs il-flus li thallus fuq il-konvenju tal-garage, konvenju li sar minn Carmelo Sammut u martu minn banda u Alfred Briffa u martu minn naha l-ohra, billi tissottometti li fil-fatt il-kompratur hu zewgha, u li saret il-klawsala li l-kompratur jigi sostitwit fuq l-att finali propju ghalhekk biex il-kuntratt issir minn zewgha wara li jigu konkluzi il-proceduri ta' separazzjoni personali.

Il-konvenut, fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu, Fol 929 et seq, iddikjara li d-disgwid li nqala' bejniethom sa mill-bidu taz-zwieg kien rizultat tad-differenzi karatterjali ta' bejniethom; ir-riferenza persistenti tal-attrici ghall-familjari tal-konvenut u l-ossessjoni taghha ghal-flus.

Hu ddikjara li kien dispost jibqa' jhallasha manteniment ta' Euro 128 fil-gimgha sakemm jilhaq l-eta' tal-pensjoni meta ghandha issir revizjoni skont ir-rata ta' pensjoni li jkun qed jircevi. Hu ppropona li sakemm jilhaq l-eta' tal-pensjoni il-propjetajiet jibqghu in komun bejniethom, wara jekk il-partijiet ma jifthemux xorta ohra, jinbieghu u r-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom. Dwar il-pretensjoni tal-attrici ghall-flus li thallsu fuq il-konvenju tal-garage, l-konvenut jissottometti li ma saritx il-prova li tiggustifika tali pretensjoni.

**KONSIDERAZZJONIJIET TAL-QORTI.**

**Htija ghat-Tkissir taz-Zwieg.**

Il-partijiet zzewgu fil-31 ta' Ottubru 1981 u kellhom erba' ulied li llum huma kollha maggorenni biz-zghir jaghlaq tlieta u ghoxrin sena ftit xhur ohra.

Skont l-attrici, meta l-partijiet kienu jitlewmu l-konvenut kien jmur ghand ommu; kien jirrifjuta li johodha ghand it-tabib meta kienet tqila u migugha; ma kienx jghatiha flus lanqas biex tixtri parr tights; ma kienx jhalliha tmur ghand ommha, kienet tmur ghandha darba fil-gimgha biss; wara li kellhom l-ewwel tarbija, tlewmu u giet msawta minn oht ir-ragel u zewgha; il-konvenut telaq ghand ommu u damm ghandha sena u ghaxar xhur; ma kienx qed jaghtiha flus u kellha tirrikorri ghand avukat; irrikonciljaw u kellhom it-tieni wild, Matthew; il-konvenut kien jirritorna d-dar tard bil-lejl billi kien jibqa' jitkellem ma' familtu; ghamlu 5 snin separati, rrikonciljaw meta rtiratlu l-Impediment tas-Safar u harget tqila biz-zghir Joshua.

L-attrici tghid li l-konvenut kien isawwat lit-tfal, ma jhallax ghall-ispejjez tal-karozza taghha, l-appliances tad-dar jibqghu ma jissewwewx, jixtri hwejjeg ghalih u hi ma tista' tixtri xejn. Ghamel snin shah jorqod wahdu fis-salott.

Gew ipprezentati rapporti li ghamlet l-attrici l-Ghassa tal-Pulizija kontra l-konvenut zewgha. Dawn jkopru perjodu ta' 10 snin bejn l-4 ta' Settembru 1998 Dok MC6 u l-25 ta' Novembru 2008 Dok MC1. Dawn ir-rapporti jirriferu ghall-insulti, theddied, swat u feriti hfif kif ikkonfermati minn diversi certifikati medici, principalment fuq l-istess attrici, izda anke fuq it-tifel Matthew, Dok MC8 tal-1 ta' Awwissu 2000.

Il-konvenut jaqbel li hemm lok ghal separazzjoni bejniethom, hu pero' jattribwixxi l-falliment taz-zwieg taghhom ghal dak li huwa jsejjah "diffikultajiet karratterjali". Mill-provi rrizulta li jiggestixxi n-negozju tal-bejgh tal-laham, beda b'zewgt ihwienet fin-Naxxar, wara xi zmien baqa' jbiegh minn hanut wiehed u l-iehor zammu bhala store. Il-fornituri tal-laham ikkonfermaw li ghal zmien twil l-

konvenut kien jixtri kwantitajiet konsiderevoli ta' laham u dejjem ihallas bi flus kontanti.

L-attrici kkonfermat li l-konvenut zewgha ma kienx bniedem li jahdem bil-banek u bil-credit cards, kien jinnegozja kollox bi flus kontanti u lill-martu qatt ma juriha b'xejn, la kien jghidlha x'jonfoq u wisq anqas x'kien jaqla'. Il-fatt, mhux kontestat, li l-konvenut ilu snin twal jorqod wahdu fis-sallot jikkostitwixxi konferma ulterjuri li ghalkemm il-partijiet jirrisjedu fl-istess dar, il-konvivenza taghhom mhiex wahda konjugali, hi biss fattwali billi effettivament il-partijiet kienu qed jghixu separati minn xulxin fl-istess dar.

Ikkunsidrat;

In tema legali ssir referenza ghall-kawza "**Caterina Agius vs Benedict Agius**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-13 ta' Gunju 1967 fejn gie enuncjat illi l-ligi tqieghed bhala motivi illi jiggustifikaw l-azzjoni ta' separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-hajja konjugali, u mhux incidenti minuri. Fil-kawza fl-ismijiet " **Elisa Thompson vs Edward Thompson**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Mejju 1925 gie stabbilit li biex tigi promossa b'success l-azzjoni ta' separazzjoni personali m'hemmx htiega li jigu ppruvati l-eccessi,sevizzi, minacci, u l-ingurji gravi b'mod kumulattiv, izda jkun sufficjenti illi tigi ppruvata raguni wahda sabiex jigi stabbilit illi l-hajja matrimonjali tkun giet reza impossibbli da parti ta' xi wahda mill-partijiet jew min minnhom. Fil-kawza fl-ismijiet "**Marthese Vella vs George Vella**" deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-8 ta' Frar 2003 intqal li: " Ghal dak illi jirrigwarda theddied u vjolenzi, il-Ligi tikkuntenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u m'hux b'xi atti izolati waqt xi tilwima". Fil-kawza fl-ismijiet "**Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**" deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-30 ta' Gunju 1961 ntqal li: "Certi fatti,kliem u modi ta' azzjoni jew atteggjamenti illi jistghu jirrendu il-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizzi".

**Baudry Lacantinerie**, jispjega illi: " Gli eccessi sono atti di vjolenza compiuti da uno dei coniugi verso l'altro e che possono porre in pericolo la salute e per fino la vita della vittima. Le sevizzie rapprezentano una attenuazione degli eccessi. Consistono in cattivi trattamenti,in vie di fatto che, pur senza minacciare la vita o la salute, rendono pero' insopportabile la coabitazione". (Trattato Teorico Pratico di Diritto Civile, Delle Persone, Vol. IV, para, 35.)

Fil-kawza fl-ismijiet "**Maria Micallef vs Giuseppe Micallef**" deciza mill-Qorti tal-Appell fil-25 ta' Mejju 1942 ntqal li:

" Biex is-sevizzi, minacci, u ingurji gravi jaghtu lok ghas-separazzjoni personali, hem bzonn generalment li jkunu abitwali, jew almenu  ripetuti, b'mod li jirrendu impossibbli l-konvivenza tal-konjugi".

Ikkunsidrat;

Fil-kaz in ezami rrizulta li l-hajja konjugali tal-partijiet kienet karatterizata mill-persistenza ta' mgieba hazina tal-konvenut fil-konfront tal-attrici martu. Il-konvenut kien jippretendi u jesigi li martu tghinu fix-xoghol tieghu, kienet tahsillu l-hanut u tghinu fix-xoghol tal-produzzjoni taz-zalzett, martu kienet s-siehba tieghu fix-xoghol pero' ma kinitx s-siehba tieghu fil-hajja matrimonjali. Hemm kwantita' kbira ta' rapporti ta' theddied, insulti u vjolenza tul 10 snin shah; precedentement sseparaw 'de facto' ghal zmien konsiderevoli f'zewg okkazjonijiet differenti u wara li rrikonciljaw, l-konvenut ippersista fl-atteggjament tieghu ta' indifferenza assoluta fil-konfront ta' martu, assolutament nonkuranti tal-htigijiet taghha anke dawk essenzjali bhal htiega li tmur ghand tabib u dentist jew necessita' li tixtri hwejjeg.  Il-konvenut ghal snin shah naqas li jirrimedja l-hsara fl-appliances tad-dar matrimonjali u martu giet kostretta tahsel l-hwejjeg b'idha, timla l-bramel ghat-toilet, cooker bi burner wiehed biss jahdem, u kompletament dipendenti minnu biex jinbidlu c-cilindri tal-gas.

Il-konvenut jaqbel li z-zwieg taghhom falla izda skont hu r-raguni kienet d-differenzi karratterjali ta' bejniethom. Ghalkemm huwa minnu illi hemm differenzi fil-karattri taz-zewg konjugi, pero' fil-fehma tal-Qorti dan ma kienx ir-raguni principali ghat-tkissir taz-zwieg tal-partijiet.  Inoltre bl-ebda mod differenzi fil-karattri tal-konjugi ma jiggustifika b'xi mod l-agir vjolenti u abbuziv tal-konvenut fil-konfront ta' martu.  Kif intqal "Certament ghal komportament tieghu versu martu l-konvenut ma jistax isib rifugju fl-addebitu ta' l-inkompatibilita' tal-karattru." ( **Vol. XXVIII P II p 298).**

Jirrizulta ghalhekk li hemm lok li tigi dikjarata s-separazzjoni personali bejn il-partijiet u dan ghar-ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut, senjatament sevizzi, eccessi, minacci, u swat kommessi mill-konvenut fil-konfront tal-attrici.

**Ulied il-Parijiet.**

Kif gia' indikat supra, it-tfal kollha tal-partijiet huma kollha maggorenni u hadd minnhom ma hu taht it-23 sena u jattendi kors ta' studju full-time.  Ghalhekk fir-rigward ta' ulied il-partijiet il-mertu tat-talbiet attrici llum jinsab ezawrit.

**Manteniment.**

L-attrici talbet manteniment ghaliha.

.

L-attrici ddikjarat fl-affidavit taghha, Fol 26, li fil-21 ta' Jannar 2002 il-partijiet marru ghand Nutar u saret skrittura, li tinsab Fol 27, fejn l-konvenut obbliga ruhhu li jhallasha LM55 fil-gimgha ( billi qabel kien jaghtiha biss LM22 fil-gimgha) kif ukoll ihallas l-ispejjez u d-diesel tal-karozza taghha. L-attrici tilmenta mill-fatt li l-ispejjez ghall-vettura taghha l-konvenut qatt ma hallashom.

Skont il-ligi l-manteniment ghandu jinghata skont il-bzonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min ghandu jaghtih.

Fil-kaz in ezami rrizulta li l-attrici hi mara tad-dar u ddedikat hajjitha fit-trobbija tal-familja u fl-istess hin tghin lill-konvenut fil-hanut tal-laham li jiggestixxi minghajr l-ebda kumpens dirett jew hlas ta' bolla ghal finijiet ta' kwalifika ta' pensjoni kontributorja. Dan kellu wkoll il-konsegwenza illi l-possibilita' li ssib xoghol illum hija serjament menomata. Inoltre f'dawn l-ahhar snin sahhitha marret lura hafna u tixtri diversi pilloli fuq bazi regolari;dan hu kkonfermat min zewg ricevuti wahda tat-3 ta' Mejju 2012 ghal Euro 16.32 u l-ohra tat-2 ta' Mejju 2012 ghal Euro 64.24, Fol 707.

Ezaminati l-provi kollha mressqa mill-partijiet il-Qorti hi tal-fehma illi l-attrici ghandha dritt titlob minghand zewgha manteniment adegwat ghaliha.

L-attrici resqet diversi xhieda u provi li juru illi l-konvenut jaqlaghha tajjeb hafna naturalment ghax jahdem hafna wkoll. Fuq bazi ta' probabilita', tenut kont il-volum ta' merkanzija li huwa jixtri regolarment abbinat mal-fatt illi jhallas kollox bi flus kontanti, id-dhul tal-konvenut huwa ferm akbar minn dak li jidher fuq id-dokumenti li gew prezentati f'ismu.

Jirrizulta wkoll illi ma jidhirx li hemm xi kuntrast qawwi bejn il-partijiet fuq dan l-aspett tal-vertenza. Ghaliex fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu l-konvenut jissottometti illi kien dispost jibqa' jhallasha manteniment ta' mija u tmienja u ghoxrien ewro (Euro 128) fil-gimgha sakemm jilhaq l-eta' tal-pensjoni meta ghandha issir revizjoni skont ir-rata ta' pensjoni li jkun qed jircevi

Huwa pacifiku bejn il-partijiet illi mis-sena 2002 il-konvenut ihallasha s-somma ta' Euro 128 fil-gimgha skont ma kien gie mifthiem ghalkemm l-attrici tilmenta wkoll illi spejjez ohra li suppost kellu jhallasha in konnessjoni mal-karrozza taghha qatt ma hallashom.

Tenut kont it-trapass taz-zmien mis-sena 2002 sallum, hmistax-il sena, u tenut kont tal-htigijiet magguri tal-attrici konsistenti fi spejjez ghall-medicini, il-Qorti hi

tal-fehma illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici manteniment settimanali ta' mija u hamsa u sebghin ewro (Euro 175) fil-gimgha.

**DIVIZJONI KOMUNJONI TAL-AKKWISTI..**

**L-Assi Immobiljari.**

L-assi immobbli tal-komunjoni tal-akkwisti gew stmati mill-Perit David Pace, Fol 40. Dawn huma s-segwenti:

**Dar matrimonjali Redentur, Triq il-Langas, Naxxar - Euro244,600.00.**

**Il-hanut B Butcher, Triq il-Fran, Naxxar - Euro77,700.00.**

**Il-hanut B Corner Butcher, Triq Santa Lucia, Naxxar - Euro145,000.00.**

Il-Perit Pace irrakkomanda li parti tiehu d-dar, u l-parti l-ohra tiehu l-hwienet, b'dan li min jiehu d-dar ihallas bhala ekwiparazzjoni lill-parti l-ohra nofs d-differenza fil-valur cioe' Euro10,950.00.

Alternattivament il-Perit ippropona li t-tlett propjetajiet jinbieghu u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.

L-attrici pproponiet li tigi assenjata lilha d-dar matrimonjali u l-hwienet lill-konvenut u biex taghmel tajjeb ghad-differenza fil-valur ipproponiet li tirrinunzja ghal sehemha mill-valur tal-avvjament u l-ghodda li jintuzaw fil-hwienet tal-laham.

Il-konvenut ma jaqbilx ma' din il-proposta u jipproponi, Fol 949, li sakemm jaghlaq l-eta' tal-pensjoni l-immobbli tal-partijiet jibqghu in kommun bejniethom, u wara sakemm il-partijiet ma jiftehemux xorta ohra l-propjetajiet jinbieghu u r-rikavat jinqasam ugwalment bejniethom.

Dan hu oggezzjonabbli ghall-attrici li fir-replika taghha pprezentata fis-27 ta' Frar 2017 timmotiva l-oggezzjoni kbira taghha li l-immobbli jibqghu in komukn bejniethom wara s-separazzjoni ghaliex iddikjarat "li hija ma tistax tibqa aktar tghix f'dan l-infern kawzat minn zewgha".

Fic-cirkostanzi partikolari, kif ukoll in vista tal-fatt li l-konvenut gie ritenut unikament responsabbli ghall-falliment ta' dan iz-zwieg, jixraq li d-dar matrimonjali bl-ghamara u l-mobbli ta' go fiha jigu assenjati lill-attrici u li din tkun awtorizzata tghix fiha ad eskluzjoni tal-konvenut zewgha; filwaqt li l-

konvenut jigi assenjat iz-zewg fondi immobiljari l-ohra bil-makkinarju u l-ingenji kollha ta' go fihom.

Skont il-Perit David Pace id-differenza fil-valur bejn id-dar u z-zewg hwienet hi ta' Euro10,950.00. Il-Qorti tordna illi dan l-ammont fil-forma ta' ekwiparazzjoni ghandu jigi pacut ma' sehem l-attrici mill-attrezzi li l-konvenut ghandu fiz-zewg hwienet, li llum wiehed minnhom jintuza bhala store.

**Vetturi.**

Dwar il-vetturi, gew ipprezentati l-istimi tal-Berk's u tal-Mosta Auto Dealer li jvarjaw marginalment, pero' fis-seduta tat-3 ta' Mejju 2012 mizmuma mill-Assistent Gudizzjarju, Fol 702 meta kienu presenti l-partijiet assistiti, huma qablu li l-Peugeot 106 diesel tiswa Euro 1,300, il-Mercedes tiswa Euro 5,000 u l-Isuzu Euro 3,500. It-tlett vetturi ghalhekk ghandhom valur globali ta' Euro 9,800, nofs dan l-ammont hu Euro 4,900. L-attrici, billi l-Peugeot hi registrata f'isimha u l-vetturi l-ohra huma registrati fuq il-konvenut, il-Qorti qed tiddeciedi illi l-vettura Peugeot tigi assenjata lill-attrici filwaqt li z-zewg vetturi l-ohra jigu assenjati lill-konvenut b'dan illi l-konvenut qed jigi kkundannat ihallas lill-attrici s-somma ta' tlett elef u sitt mitt ewro (Euro 3,600) bhala ekwiparazzjoni.

**Kreditu Parafernali tal-Mara**.

Bi skrittura privata tal-11 ta' Lulju 2012, Dok MC2 Fol 726 l-attrici sselfet minghand il-genituri taghha Georgina u Joseph Xerri s-somma ta' Euro 2,438.23 u tipprettendi li dan hu dejn tal-komunjoni.

L-attrici, in oltre, taghmel referenza ghall-konvenju tat-23 ta' Marzu 2009, Dok CS2 Fol 830, dwar bejgh ta'garage minn Carmelo u Susan Sammut lil Alfred u Mary konjugi Briffa, din Mary Briffa tigi oht il-konvenut. Fuq il-konvenju thallas depozitu ta' Euro 11,600 akkont tal-prezz ta' Euro 49,000 u fil-21 ta' Marzu 2014, Fol 831 thallset s-somma ta' Euro 28,000 minn Alfred Briffa lil Carmelo Sammut u l-bilanc ta' Euro 9,400 kellu jithallas fiz-zmien sena minghajr imghax.

L-attrici tikkontendi li l-veru akkwirent hu l-konvenut zewgha billi mhux normali li jithallas prattikament l-prezz kollu qabel issir il-kuntratt; tissottometti wkoll li l-kondizzjoni li zammew l-kompraturi li jistghu jigu sostitwiti b'terzi fuq l-att finali hija prova li din saret bi skop cioe' biex zewgha jkun jista' jakkwista f'ismu wara li jkunu gew konkluzi l-proceduri ta' separazzoni personali.

Fil-fehma tal-Qorti dawn iz-zewg pretensjonijiet tal-attrici ma gewx sufficjentement ippruvati u ghalhekk ma jistghux jigu milqugha. Fir-rigward tal-

pretensjoni ta' kreditu parafernali l-attrici naqqset li tipprova li l-flus li sselfet minghand il-genituri taghha ntnefqu fl-interess tal-komunjoni. Dwar il-konvenju tal-garage, ghalkemm certi dettalji jistghu jidhru suspettuzi, id-dokument in kwistjoni juri xorta ohra, cioe' li z-zewg pagamenti li saru akkont thallsu mill-kompratur Alfred Briffa. Tali provi ma jilhqux il-grad rikjest mil-ligi u l-gurisprudenza. Hija ormai gurisprudenza nostrana kostanti illi fil-kamp civili l-grad tal-prova rikjest hu dak li r-rizultanzi jkunu sufficjenti li jnisslu certezza morali f'mohh il-gudikant liema certezza tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet, Intqal ukoll illi "Fil-kamp civili l-piz tal-prova huwa mixhut fuq min jafferma fatt, u mhux fuq min jinnegah. (**Emanuel Ciantar vs David Curmi nomine**" – Qorti tal-Appell – Sede Inferjuri – 28.04.2004). Fil-kaz in ezami l-allegazzjoni tal-attrici illi l-konvenju de quo huwa kopertura ghal akkwist tal-konvenut ma gietx sodisfacentement ippruvata u ghalhekk qed tigi respinta.

**Kontijiet Bankarji u n-Negozju gestit mill-Konvenut.**

Irrizulta abbundantement illi l-konvenut ilu fuq medda twila ta' snin jiggestixxi negozju tajjeb, ghalkemm huwa jilmenta li f'dawn l-ahhar snin mar lura minhabba l-kompetizzjoni. Jirrizulta wkoll illi l-istess konvenut jeffettwa l-pagamenti dejjem fi flus kontanti u qatt permezz ta' cheque.

Permezz ta' din is-sentenza qed jigi deciz illi l-konvenut jahti unikament ghat-tkissir taz-zwieg. Ghalhekk mhux il-kaz li l-attrici qed titlef xi dritt fuq il-profitti tal-konvenut min-negozju minnu gestit liema profitti jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti ta' bejn il-partijiet.

L-attrici xehdet illi l-flus li kien igemma min-negozju l-konvenut kien jerfagghom gewwa wiehed mill-freezers. Dan hu kkontestat mill-konvenut. L-attrici ezebiet numru ta' pitazzi b'hafna notamenti fuqhom u tixhed illi dawn juru d-dhul tieghu u li allura kellu flus imgemmghin appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti li kienu mohbija minnha. Il-Qorti ezaminat il-provi dokumentarji prodotti b'mod partikolari il-formoli tat-taxxa fuq l-income u self assesement tal-konvenut ipprezentati mill-accountant tieghu Joseph Sammut. L-ahhar sena li dawn id-dokumenti jaghmlu referenza hija s-sena 2008 minn fejn jirrizulta dikjarazzjoni tal-konvenut illi matul dik is-sena id-dhul net tieghu kien ta' hdax-il elf hames mija u erbghin ewro (Euro 11,540), anqas minn elf ewro fix-xahar, meta fl-istess hin iddikjara li matul dik is-sena spejjez direttament konnessi man-negozju tieghu kellu aktar minn sittax-il elf ewro (Euro 16,000). Meta wiehed jikkonsidra l-ammonti konsiderevoli ta' xiri ta' merca sabiex tinbiegh mill-hanut tal-konvenut il-Qorti hi tal-fehma illi l-konvenut huwa ekonomiku hafna mal-verita' f'dak li huwa jiddikjara bhala profitt nett min-negozju li allura jappartjeni lill-komunjoni tal-akkwisti.

Tenut kont illi l-attrici kellha diffikulta' kbira sabiex tipprova kemm verament il-konvenut qala' matul is-snin taz-zwieg tal-partijiet u dan b'konsegwenza diretta tal-mod kif jiggestixxi n-negozju l-konvenut, il-Qorti qed tiddeciedi illi jezistu l-estremi sabiex il-Qorti tikwantifika l-ammont li l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici bhala sehemha minn dak li gie mfaddal bhala sehemha mill-komunjoni tal-akkwisti bl-applikazzjoni tal-principji regolanti 'l-arbitrio boni viri'. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha ta' dan il-kaz il-Qorti qed tiddeciedi arbitrio boni viri illi l-konvenut ghandu jhallas lill-attrici s-somma ta' hamsa u ghoxrin elf ewro (Euro 25,000) ghal darba wahda bhala sehmha mill-profitti akkumulati mill-gestjoni tan-negozju tal-hanut tal-laham matul iz-zwieg tal-partijiet.

Fir-rigward tal-kontijiet bankarji f'isem il-partijiet il-Qorti qed tiddeciedi illi l-fondi f'kontijiet bankarji intestati f'isem il-konvenut ghandhom jigu assenjati lilu filwaqt li kontijiet intestati f'isem l-attrici ghandhom jigu assenjati lilha.

Sanzjonijiet taht l-Artikolu 48 tal-Kap. 16

Il-Qorti, wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha migjuba fir-rigward tat-tort ghat-tkissir taz-zwieg, b'mod partikolari l-atti ta' vjolenza da parti tal-konvenut, il-Qorti hi tal-fehma li b'applikazzjoni tal-artikolu 51 tal-Kap 16 tikkommina fil-konfront tal-konvenut is-sanzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kap. 16.

**DECIDE.**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeciedi l-kawza billi prevja li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut bil-mod kif hawn deciz;

1. Tilqa' l-ewwel talba attrici u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dan ghal ragunijiet unikament imputabbli lill-konvenut;

2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba attrici, dwar il-kura u kustodja tal-minuri Joshua billi dan illum sar maggorenni;

3. Tilqa' in parti t-tielet talba attrici, billi tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-manteniment ghal iben il-partijiet billi dan ma ghadux minuri, u tilqa' it-talba tal-manteniment tal-attrici ghaliha. Ghalhekk tordna lill-konvenut li jhallas lill-attrici manteniment fis-somma ta' mija u hamsa u sebghin ewro (Euro 175) fil-gimgha, li jigi awmentat kull sena skont l-Indici tal-Inflazzjoni pubblikat mill-Gvern.

4. Tilqa' r-raba' talba attrici u tawtorizza lill-attrici li tabita fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut;

5. Tilqa' l-hames talba attrici, tiddikjara xjolta il-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejniethom u tordna d-divizjoni tal-istess bil-mod kif spjegat supra taht l-intestatura **DIVIZJONI KOMUNJONI TAL-AKKWISTI.** Ghall-finijiet tad-divizzjoni tat-tlett proprjetajiet immobiljari bil-mezz ta' assenjazzjoni kif deiz supra il-Qorti qed tinnomina lin-Nutar Dottor Edward Flores sabiex jircevi l-att pubbliku relattiv u tinnomina lill-Avukat Dottor Mark Simiana bhala kuratur ghall-eventwali kontumacja fuq l-istess att.

6. Tichad is-sitt talba attrici.

7. Tilqa' is-seba' talba attrici u tapplika kontra l-konvenut l-effetti tad-disposizzjonijiet kontemplati fl-artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Imhallef** **Deputat Registratur**